# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili
# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 2 ta' April 2001

Citazzjoni numru 986/99 AJM

Kawza numru

Miller Distributors Limited

Vs

Ivan Meli

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni attrici presentata fit-30 ta' April 1999 li permezz taghha wara li gie premess li s-socjeta attrici bieghet u kkonsenjat lill-konvenut merkanzija; illi l-bilanc ta' prezz dovut ghal din il-merkanzija jammonta ghal tlett elef mitejn u erbgha u erbghin lira maltin u tmienja u ghoxrin centezimu (LM3244.28); illi ghalkemm interpellat diversi drabi biex jhallas il-bilanc imsemmi il-konvenut baqa' inadempjenti; illi dan id-debitu tal-konvenut fil-konfront tas-socjeta' attrici huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Ligijiet ta' Malta kif l-istess socjeta' attrici tikkonferma fid-dikjarazzjoni guramentata taghha u fil-fehma tas-socjeta' attrici m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti; talbet li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija sommata'LM3244.28,
2. tiddecidi l-kawza bid-dispensa tat-trattazzjoni ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 5 ta' Frara 1999, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma din ic-citazzjoni, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-attur.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-26 ta' Mejju 1999 meta l-konvenut inghata l-fakolta li jikkontesta t-talba attrici.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fit-28 ta' Mejju 1999 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi l-eccipjent proprio kif gie mharrek qatt ma kellu ebda relazzjonijiet guridici mas-socjeta' attrici u, ghalhekk, l-istess eccipjenti m'huwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza.
2. Illi mill-istess ittra ufficjali (Dok A) ezebita mis-socjeta' attrici, jidher illi kienet proprju s-socjeta' R.G.M. Trading Ltd, li taghha l-eccipjent huwa l-Managing Director, li kellha relazzjonijiet guridici mas-socjeta' attrici u mhux l-eccipjenti proprio.
3. Illi dan huwa konfermat mill-ftehim datat 22 ta' Gunju, 1998, bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' R.G.M. Trading Ltd li kopja tieghu qed tigi hawn aeessa u mmarkata Dok IM1.
4. Illi ghalhekk l-eccipjent proprio ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-konvenut.

Hadet konjizzjoni tal-provi prdotti u tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-14 ta' Frar 2001 mwta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Is-socjeta' attrici timporta u tiddistribwixxi fost diversi "retailers" f'Malta u Ghawdex gazzetti, magazines u pubblikazzjonijiet simili. Il-konvenut kien socju maggoritarju u direttur manigerjali tas-socjeta' R.G.M. Trading Ltd li kellha l-ghan ewlieni li tbieh lill-pubbliku minn zewg "outlets" fil-Malta International Airport magazines, kotba, postcards, gazzetti, helu u affarijiet affini skond ma jidher mill-kopji tal-kuntratti bejn s-socjeta'  R.G.M.Trading Ltd u l-Malta International Airport Limited tas-16 ta' Marzu 1995 relattiv ghad-"departues lounge" u dak tat-18 ta' Ottubru 1996, relattiv ghall-"arrivals lounge".

Is-socjeta' attrici kienet tforni lis-socjeta' R.G.M. Trading Ltd bil-merkanzija li kellha ghal bejh. Izda gara li s-socjeta' R.G.M. Trading bdiet taqa' lura fil-pagamenti u anke rrizulta li ghal habta ta' April/Mejju 1998 offriet pagamenti b'cheques li wara rrizulta li ma gewx onorati. Konfrontati b'din is-sitwazzjoni li kienet waslet ghal sbilanc fl-ammont ta' LM14,253.80, issejhet laqa' biex tinstab soluzzjoni. F'din il-laqa'

attendew il-konvenut da parti tas-socjeta' R.G.M. Trading u Malcolm Miller, Managing Director u Charles Caligari, Accounts Administration Manager, in rappresentanza tas-socjeta' attrici.

F'din il-laqa' jidher li ntlahaq ftehim bejn il-partijiet dwar il-bilanc dovut mis-socjeta' debitrici u l-modalita' tal-pagament. Dan il-ftehim gie redatt fi forma ta' ittra li ggib id-data 22 ta' Gunju 1998, liema ittra giet iffirmata minn Ivan Meli u Chalres Caligari. F'din l-ittra, li hija indirizzata lis-socjeta' R.G.M. Trading Limited, jinghad hekk:-

*"Further to our meeting today where a repayment schedule to settle your outstanding balance was discussed, we are prepared to start supplying your retail outlet at the Arrivals Lounge of the Malta International Airport against your promised scheduled payments as shown below."*

Wara din l-introduzzjoni ssegwi sensiela ta' dettalji dwar l-bilanc dovut u l-mod ta' kif kellhom isiru l-pagamenti bid-dati rispettivi. Fl-ahhar jinghad hekk:-

*"Our terms for your new retail outlet will be 30 days from synopsis or invoice date. Once the repayment schedule is settled we can discuss extending your terms to 60 days from synopsis or invoice date."*

L-ittra kienet titlob lis-socjeta' debitrici tindika l-accettazzjoni taghha tal-kondizzjonijiet hemm stipulati billi tigi ffirmata l-ittra bhala sinjalli li l-kontenut taghha kien qed jigi accettat. Il-konvenut hekk ghamel.

Fi zmien ta' dan il-ftehim is-socjeta' R.G.M. Trading kienet tilfet l-kuntratt ghall-okkupazzjoni u uzu tal-premises fid-"departure lounge" li effettivament beda jigi gestit mis-socjeta' attrici direttament. Is-socjeta' debitrici ghalhekk kien baqalha biss l-hanut fl-"arrivals lounge".

Ftit ta' zmien wara l-ftehim fuq imsemmi s-socjeta' R.G.M Trading reget bdiet tigi fornita b'merkanzija mis-socjeta' attrici kif jidher mid-dokumenti, maghrufa bhala "synopsis", maghruga mis-socjeta' attrici kif jidher mid-dokumenti ezebiti a fol 26 sa 30 tal-process (dok IM1sa IM5) fejn is-socjeta' R.G.M. Trading giet addebitata b'diversi ammonti ghall-fornituri li kienu qed isiru lilha mis-socjeta' attrici. Fid-dokumenti IM1 hemm indikat ukoll is-CET Reg. No. tas-socjeta' R.G.M. Inoltre fid-dokumenti IM2 sa IM5, jissemma, in calce, li "Credit terms – stricktly 30 days" liema kondizzjoni tirrifletti dak li kien gie miftiehem fit-22 ta' Gunju 1998.

Il-proceduri odjerni huma indirizzati lejn l-konvenut Ivan Meli personalment u jirrigwardaw l-fornituri li saru mis-socjeta' attrici fil-hanut tas-socjeta' R.G.M. Trading fl-"arrivals lounge" tal-ajruport wara t-22 ta' Gunju 1998. Il-konvenut qed jikkontesta t-talba attrici kif indirizzata billi jsostni li qatt ma kien hemm xi relazzjoni guridika bejnu personalment u s-socjeta' attrici. Hu jikkontendi li kull negozju li kien hemm kien direttament bejn is-socjeta' attrici u l-R.G.M. Trading Ltd kif jidher mill-ittra ossia ftehim tat-22 ta' Gunju 1998.

Huwa minnu li l-ftehim milhuq fit-22 ta' Gunju 1998 kien jikkoncerna biss lis-socjeta' attrici u s-socjeta' R.G.M. Trading Ltd. Infatti l-ittra, li tinkorpora l-ftehim, hija indirizzata lis-socjeta' R.G.M. Trading Ltd u din titkellem principalment dwar "repayment schedule" kif propost mis-socjeta' attrici tad-debiti tas-socjeta' R.G.M. Trading. Fl-istess ittra insibu, kif riportat fuq, li s-socjeta' attrici ddikjarat li "we are prepared to start supplying your retail outlet at the Arrivals Lounge of The Malta International Airport against your promised scheduled payments ..."

Dikjarazzjoni tali, ghal min qed jinnegozja f'isem kumpanija u li ghandha l-inkwilinat tar-"retail outlet at the Arrivals Lounge", ma tistax tfisser hlief li r-relazzjonijiet kummercjali kienu ser jibqghu bejn l-istess partijiet. Altrimenti ma taghmilx sens ghax jekk, kif qed issostni s-socjeta' attrici, l-fornituri kienu ser jsiru lil parti kompletament differenti b'responsabbilita' illimitata, ma kienx hemm ghal fejn li dawn il-fornituri jigu assoggettati ghall-obbligi ta' hlas ta' terza persuna.

Din l-interpretazzjoni tal-ftehim hija rinforzata mhux biss bil-fatt li l-invoices ossia "synopsis" li kienet tohrog is-socjeta' attrici wara Gunju 1998 kienu jsejhu lis-socjeta' R.G.M. Trading Ltd, izda ukoll mix-xhieda tal-istess Malcolm Miller, direttur manigerjali tas-socjeta' attrici. Fl-udjenza tal-15 ta' Novembru 1999 dan qal hekk:-

"*Ahna konna nissuplixxu hanut wiehed u mbaghad kien iqassam hu x-xoghol. Ma konniex nafu .... U kien gie ghandi, qalli 'isma' jiena rrid ix-xoghol ghal hanut l-iehor'. Ghidtlu ahna ser naghtuk ix-xoghol, pero' irridu niftehmu dan il-bilanc li ghandek ittina. Konna ftehemna repayment schedule u bdejna mbaghad nissuplixxu x-xoghol direttament lill-arrivals lounge fejn kellu l-hanut u jiena kont tajt struzzjonijiet l-ufficcju biex l-invoices kollha johorgu f'ismu personali.*"

Mistoqsi mill-Qorti jekk l-hrug tal-invoices f'isem il-konvenut kienet direttiva tieghu, x-xhud irrisponda "iva". Fuq insistenza tal-istess Qorti jekk hu kienx wasal fi ftehim ma min ser jixtri minn ghandu, x-xhud rega' insista' "Kienet direttiva tieghi." Finalment l-istess xhud insista li kien hu li ddecida li, minn dak inhar 'il quddiem, il-klienet tieghu ma kienetx aktar is-socjeta' R.G.M. Trading izda l-konvenut personalment.

Da parti tieghu l-konvenut jichad kategorikament li huwa qatt innegozja mas-socjeta' attrici fil-kapacita' tieghu personali. U qal li meta beda

jircevi l-istatements li jkunu annessi max-xoghol supplit, f'ismu personali, ikkomunika direttament ma' Charles Caligari u talbu spjegazzjoni. Dan qallu li kien qed isir hekk minhabba problemi ta' "filing" fil-computer. Din ix-xhieda mhux kontradetta mill-istess Caligari.

Minn dan kollu jidher car li qatt ma kien hemm relazzjonijiet kummercjali bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut personalment. In-negozju dejjem sar u kien intenzjonat li jibqa' fil-konfront tas-socjeta' R.G.M. Trading, kif jidher mill-ittra tat-22 ta' Gunju 1998. Jekk is-socjeta' attrici, minhabba t-thassib li kellha dwar il-posizzjoni finanzjarja ta' din is-socjeta', iddecidiet li tbiddel l-klient, kien jispetta lilha li tinforma lil Ivan Meli bid-decizzjoni taghha u mhux minn jeddha taqbad u tiddebita terz li qatt ma kien involut fin-negozju.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut fis-sens li huwa ma huwiex il-legittimu kuntradittur, tichad it-talbiet attrici fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Spejjes ghas-socjeta' attrici.

Onor Imhallef Albert J. Magri